MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Numru 1180/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Trevor Micallef**

**vs**

**Gianluca Torres**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Gianluca Torres ta’ 39 sena iben Vincenzo u Giusepina nee’ Mirabella, imwieled Siracusa nhar l-10 ta’ Frar 1973 u residenti Nightcap Hostel, Flat 2, Triq Wilga, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita’ numru 18571(A) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

U nakkuzah talli f' dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn it- 03 ta' Settembru 2013 u ix-xhur ta` qabel din id-data, f`dawn il- Gzejjer, b`diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda:

1. f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn it - 03 ta` Settembru 2013 u l- 04 ta` Settembru 2013, ikkommetta serq ta' oggetti ghad detriment ta` Vasic Veljko u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil- 'mezz', bil- 'valur' li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu, 'hin' u bil- 'lok';

2. nhar it- 03 ta` Settembru 2013 f`xi hin bejn il-perjodu t' bejn il-hamsa ta` filghodu u t-tmienja ta` filghodu ikommetta serq ta' oggetti ghad detriment ta`Guillermo Banuelos Cid u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil- 'mezz', bil- 'valur' li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu, 'hin' u bil- 'lok'.

3. u aktar talli fis- 06 ta` Settembru 2013, f`xi hin matul il- perjodu ta' bejn is- siegha ta` filghodu u l-hamsa ta` filghodu ikkommetta serq ta' oggetti ghad detriment ta` Maria Martinez u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil- 'mezz', bil- 'valur' li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu, 'hin' u bil- 'lok'.

4. U aktar talli fl- 04 ta` Settembru 2013 f`xi hin matul il- perjodu ta' bejn is- saghtejn u nofs ta` filghodu u t-tlieta ta` filghodu ikkommetta serq ta' oggetti ghad detriment ta` Johan Philip Kroonenberg Mingorance u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil- 'mezz', bil- 'valur' li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu, 'hin' u bil- 'lok'.

5. U aktar talli fid- 29 ta` Settembru 2013 f`xi hin matul il-perjodu ta' bejn l- ghaxra ta` filghaxija u s-siegha u ghoxrin ta` filghodu ikkommetta serq ta' oggetti ghad detriment ta` Wikstrom Inger Catrin u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil- 'mezz', bil- 'valur' li ma

jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu, ‘hin’ u bil- ‘lok’.

6. U aktar talli fil-25 ta` Settembru 2013 f`xi matul il-perjodu ta’ bejn in- nofs siegha ta` filghodu u t-tlieta ta` filghodu ikkommetta serq ta’ oggetti ghad detriment ta` Adriana Pannarale u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil- ‘mezz’, bil- ‘valur’ li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu, ‘hin’ u bil- ‘lok’.

7. U aktar talli fit- 13 ta` Ottubru 2013 f`xi hin matul il-perjodu ta’ bejn il- hamsa ta` filghodu u l-hamsa u nofs ta` filghodu, ikkommetta serq ta’ oggetti ghad detriment ta` Michela Gessi, Alessio Pontini u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil- ‘mezz’, bil- ‘valur’ li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu, ‘hin’ u bil- ‘lok’.

8. U aktar talli fis- 26 ta` Ottubru 2013, f`xi hin bejn it-tlieta` ta` filghodu u s-sebgha ta` filghodu ikkommetta serq ta’ oggetti ghad detriment ta` Ibrahim Abdel Karin Ali u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil- ‘mezz’, bil- ‘valur’ li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu, ‘hin’ u bil- ‘lok’.

9. U aktar talli fit- 08 ta` Novembru 2013, ghal habta tas- saghtejn u nofs ta` filghodu ikkommetta serq ta’ oggetti ghad detriment ta`Gabriela Muschiol u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil- ‘mezz’, bil- ‘valur’ li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu, ‘hin’ u bil- ‘lok’.

10. U aktar talli fis- 26 ta` Novembru 2013 f`xi hin bejn il- perjodu tat- tlieta ta` filghodu u t- tlieta u nofs ta` filghodu ikkommetta serq ta’ oggetti ghad detriment ta` Colin Thompson u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil- ‘mezz’, bil- ‘valur’ li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu, ‘hin’ u bil- ‘lok’.

11. u aktar talli f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn is-26 ta' Novembru, 2013 u ix-xhur ta' qabel din id-data, ikommetta serq ta' oggetti ghad-detriment ta' persuna/i b'identita sa issa mhux maghrufa, liema serq kien ikkwalifikat bil-vjolenza, hin, u mezz

Fil- 05 ta` Novembru 2013 ghal habta tan- nofs siegha ta` filghodu, waqt li kien f'San Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` li jikkommetti serq ikkwalifikat bil-hin, mezz, u lok, ghad dannu ta` persuna/i b'identita sa issa mhux maghrufa, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil- volonta tieghu;

F'xi jum matul il-perjodu ta' bejn is-26 ta' Novembru, 2013 u ix-xhur ta' qabel din id-data waqt li kien f'San Giljan hebb kontra il-persuna ta' Marco Bojic sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu il-hsara;

Fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Novembru 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ghal dak li jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat ukoll il-fatt li kkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet izda kkunsidrat ukoll il-fatt li huwa recidiv u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 263, 270, 262, 274(d), 278, 279, 280, 41(1)(a), 339(1)(d), 49, 50, 289, 18, 31 u 20 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tlett(3) snin u sitt(6) xhur prigunerija.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------